MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 462/2003

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company surrogata fid-drittijiet ta' Silvia Muscat u l-istess Silvia Muscat**

**vs**

**Francesco Degabriele**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tmienja u sebghin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm578.84) prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh f'San Gwann fl-10 ta' Lulju, 2002, bejn karozza Fiat Punto**

**numru MML-101 misjuqa minn Ritienne Muscat, u dana in kwantu ghall-erba mija u tmienja u sebghin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm478.84) lill-Untours Insurance Agency Ltd noe u mitt lira (Lm100) lil Silvia Muscat;**
**Bl-ispejjez, komprizi hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) ta' consult u dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-kap.104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta ta' Francesco Degabriele prezentata fit-28 ta' Marzu, 2003, fejn intqal :**
**Illi d-domandi tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident in kwistjoni sehh b'tort unikament tas-sewwieqa Ritienne Muscat u dana kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra il-verbal tas-26 ta' Settembru, 2003 (fol.37) fejn il-partijiet qablu li x-xhieda migjuba f'din il-kawza ghandhom japplikaw ghall-Avviz numru 1623/03Jr fl-ismijiet "Montaldo Insurance Agency Limited vs Ritienne Muscat"**

**Semgha x-xhieda ta' Ritienne Muscat, Mario Mifsud, WPS 131 Nicolette Leotta, Francesco Degabriele u x-xhieda migjuba fl-avviz numru 1623/03/JR. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fl-10 ta' Lulju, 2002, fi Vjal ir-Rihan, San Gwann, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni RTN-177 misjuqa minn Ritienne Muscat u propjeta` ta' Silvio Muscat u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MML-101 misjuqa minn Francesco Degabriele u propjeta` ta' Andre Grech.**
**2. Ritienne Muscat kienet qed issuq f'Naxxar Road gejja mid-direzzjoni ta' Tal-Balal u sejra fid-direzzjoni**

**ta' San Gwann. Skond Muscat daret mar-*roundabout* biex tmur fid-direzzjoni tal-knisja ta' San Gwann meta l-vettura misjuqa minn Degabriele li kienet quddiemha resqet lejn il-genb tat-triq biex taqbad "side street". Skond Muscat, peress li Degabriele intefa mal-genb u waqaf max-xellug tat-triq, hi marret biex taqilghu, u meta waslet hdejh dan fsalt rega' hareg.**

**3. Degabriele jispjega li orginarjament kien fil-karregjata li taghti ghan-Naxxar gej mid-direzzjoni ta' San Gwann, meta hareg *truck* minn *parking bay* fuq dik in-naha tat-triq minn fejn kien ghaddej. Hu ghalhekk immanuvra madwar ir-roundabout biex jerga' jmur fid-direzzjoni ta' San Gwann biex jaqsam il-karreggjata li taghti ghan-Naxxar biex jidhol f'dak il-*parking bay* li hemm indikati fl-iskizz Dok.NL2 a fol 32 tal-process. Hu jghid li xeghel l-*indicator*. Hekk kif qala' biex jipprocedi lejn il-*parking bay* grat il-kollizzjoni.**

**4. Hemm xhieda konfliggenti dwar jekk Degabriele kellux l-indicator mixghul. Hemm xhieda konfliggenti ukoll dwar jekk ezatt qabel il-kollizzjoni kienux gejjin vetturi mid-direzzjoni ta' San Gwann.**

**5. Dwar id-danni, jirrizulta li d-danni fil-vettura tal-attur kienu fuq quddiem u l-genb in-naha tax-xellug. Kien hemm danni fil-bonnett, headlamp, il-bumper, il-mudguard ta' quddiem, il-grille l-emblem u l-indicator. Id-danni fil-vettura tal-konvenut kienu fuq il-bieba u l-mudguard ta' wara in-naha tal-lemin.**

**6. Il-partijiet jaqblu li l-kollizzjoni sehhet circa hames metri il-boghod mir-roundabout. Il-partijiet jaqblu mal-isketch.**

**7. It-Tribunal qed jikkunsidra illi l-konvenut kien qed jaghmel manuvra li tirrikjedi l-massima diligenza, peress illi dan kellu l-obbligu li jara mhux biss it-traffiku li kien gej minn faccat izda ukoll it-traffiku li kien gej minn warajh. It-Tribunal qed jikkunsidra ukoll il-fatt li Ritienne Muscat qabzet id-*double white line* jew *dotted double white line* u jidher li zammet *brake* proprju qabel ma sehhet il-kollizzjoni kif jindika l-iskizz. Dana jidher li ghamlitu bhala manuvra evasiva proprju fil-mument li Degabriele kiser il-passagg liberu taghha.**

**8. Rilevanti li l-ewwel darba li Degabriele ra lil Muscat kien mal-habta. Pero` kif jindika l-isketch li huwa skalat, huwa minnu li l-vettura ta' Degabriele kienet gja ghan-nofs it-triq ghalkemm l-angolazzjoni taghha tindika li kienet hierga minn fuq ix-xellug tat-triq. Ma hemmx dubbju li l-manuvra ta' Degabriele kienet il-kawza prossima tal-kollizzjoni li sehhet.**

**9. Pero it-Tribunal jirravvisa ukoll certu kontributorjeta` da parti ta' Muscat, illi kienet qed tara ben tajjeb dak li kien qed jigri quddiemha, u din kompliet bil-manuvra tas-sorpass ghalkemm kif jindika l-isketch, Degabriele kien gja qieghed ghan-nofs tat-triq.**

**10. Ghalhekk it-Tribunal qed isib li l-kollizzjoni sehhet b'tort taz-zewg sewwieqa, pero isib li Degabriele ghandu jigi allokat tlett kwarti tar-responsabilita` ghall-akkadut, filwaqt li Muscat ghandha tigi allokata kwart tar-responsabilita`.**

**11. Id-danni huma dawk li jirrizultaw mid-dokumenti esebiti, u dana fl-ammont ta' hames mija u tmienja u sebghin u erbgha u tmenin centezmu (Lm578.84), u in vista tal-fatt li l-konvenut kien jahti biss fi grad ta' tlett kwarti jigi li l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u erbgha u tletin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm434.13).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident de quo fi grad ta' tlett kwarti, jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' tlett mija u erbgha u tletin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm334.13) u lill-attrici Silvia Muscat is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------